

Il-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE tlaqqa' flimkien voluntiera u organizzazzjonijiet minn pajjiżi differenti, tagħti appoġġ prattiku lil proġetti ta' għajnuna umanitarja u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċità u tar-reżiljenza lokali ta' komunitajiet affettwati minn diżastri u toffri **opportunitajiet għal ċittadini mill-UE** biex jinvolvu ruħhom fl-għajnuna umanitarja.

L-inizjattiva tiffinanzja proġetti ppreżentati minn konsorzji ta' organizzazzjonijiet ibbażati fl-UE u mhux ibbażati fl-UE li għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità ta' organizzazzjonijiet mhux ibbażati fl-UE biex jippreparaw u jirrispondu għal kriżijiet u jtejbu l-ġestjoni tal-voluntiera tagħhom.

Hi tagħti wkoll finanzjament għal azzjonijiet li għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità teknika ta' organizzazzjonijiet ibbażati fl-UE biex jikkonformaw mal-istandards u mal-proċeduri li huma meħtieġa biex jipparteċipaw fl-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE.

81 organizzazzjoni huma involuti fl-implimentazzjoni ta' proġetti ta' bini ta' kapaċità u 40 organizzazzjoni f'proġetti ta' assistenza teknika biex isaħħu s-sistemi ta' ġestjoni u operattivi tagħhom, u biex jaħdmu fi sħubija biex jimplimentaw l-aqwa prattiki fl-għoti ta' għajnuna umanitarja u fil-ġestjoni tal-voluntiera.

Fil-kuntest ta' din l-inizjattiva organizzazzjonijiet umanitarji żviluppaw standards Ewropej dwar il-ġestjoni tal-voluntiera . Programm Ewropew ta' taħriġ għall-voluntiera ser jiżgura li l-voluntiera jkun mħarrġa sew u ppreparati qabel l-istazzjonament.

L-għan tal-konsultazzjoni pubblika miftuħa hu li jagħti liċ-ċittadini tal-UE u lill-partijiet ikkonċernati kollha l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-prestazzjoni tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE matul l-ewwel tliet snin tal-implimentazzjoni. Il-konsultazzjoni pubblika miftuħa għandha wkoll l-għan li tiġbor informazzjoni u data li ma tistax tinstab permezz ta' riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni u sorsi addizzjonali ta' evidenza.

L-evalwazzjoni ser tħares lejn l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva matul l-aħħar tliet snin (nofs l-2014 sa nofs l-2017). Ir-riżultati tal-evalwazzjoni se jrin jikkontribwixxu għat-tfassil tal-programm u għall-allokazzjoni tar-riżorsi tal-futur. L-evalwazzjoni sejra tagħti wkoll rakkomandazzjonijiet inkluż dwar kif tiġi żgurata biżżejjed sensibilizzazzjoni tal-inizjattiva.

Ir-rapport finali sejjer jiġi ppubblikat fl-[EU Bookshop](#) u fuq is-sit web tad-DĠ ECHO relatat ma' [evalwazzjonijiet - Il-Kummissjoni Ewropea](#).

## **Min jista' jieħu sehem?**

**Il-konsultazzjoni pubblika miftuħa hi mituħa għal kull min jixtieq isemmi' leħnu sal-31 ta' Ottubru 2017.** L-individwi, l-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati kollha huma mistiedna jikkontribwixxu għal din il-konsultazzjoni.

## **Kif nista' nipparteċipa?**

**Hemm żewġ kwestjonarji differenti:**

- **Wieħed imfassal għal risponenti b'għarfien limitat jew mingħajr għarfien profund tal-inizjattiva**
- **Ieħor imfassal għal risponenti b'għarfien profund**

**Jekk jogħġbok agħżel kwestjonarju wieħed bix-xieraq.**